# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-22 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 342/2022**

**FARSONS BEVERAGE IMPORTS CO. LTD. (C 476)**

*VERSUS*

1. **HUSH LTD. (C 59457)**
2. **KEVIN GRIMA (I.D. 146181 (M))**
3. **KRISTIAN SYLVEST JORGENSEN (I.D. 58166 (A))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2022 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ elf u sebgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1047.51) b'konnessjoni ma' valur ta' merċa li ġew mixtrija u kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti skond statement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi.

Ra illi fl-24 t'April 2023 is-soċjeta´ konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 26).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ma ppreżentat ebda risposta jew dehret għall-ewwel seduta b´dan illi waqgħet fi stat ta´ kontumaċja. (a fol. 29).

Ra illi s-soċjeta' attriċi ppreżentat kapitolu fir-rigward tas-soċjeta' konvenuta (a fol. 31).

Ra illi fil-5 ta' Jannar 2023, il-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen ġie debitament notifikat (a fol. 10).

Ra illi l-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba jew deher għall-ewwel seduta b´dan illi waqa' fi stat ta´ kontumaċja. (a fol. 29).

Ra illi s-soċjeta' attriċi ppreżentat kapitolu fir-rigward tal-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen (a fol. 31).

Ra illi fil-5 ta' Jannar 2023, il-konvenut Kevin Grima ġie debitament notifikat (a fol. 10).

Ra illi l-konvenut Kevin Grima ppreżenta r-risposta tiegħu fl-1 ta' Frar 2023 (a fol. 21).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fis-16 ta' Novembru 2023, is-soċjeta´ attriċi għalqet il-provi (a fol. 33).

Ra illi fis-16 ta' Novembru 2023, il-konvenut Kevin Grima għalaq il-provi tiegħu (a fol. 33).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-ftehim bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenuti u/jew is-soċjeta´ konvenuta kien ċar b´dan illi t-Terms and Conditions of Credit ippreżentati mis-soċjeta' attriċi ma jħallu ebda dubju f'moħħ it-Tribunal dwar dan it-tali ftehim (a fol. 3).

Kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta Hush Ltd. u tal-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi tali żewġ konvenuti, u ċioe' s-soċjeta' konvenuta Hush Ltd. u l-konvenut Kristan Sylvest Jorgensen, ma ressqu ebda risposta u/jew kontro-talba jew dehru għall-ewwel seduta b´dan illi jwassal illi tali konvenuti huma fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti l-konvenuti iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenuti baqgħu kontumaċi, dan ma jfissirx li huma abbandunaw kull eċċezzjoni li setgħu jagħmlu fil-kawża u ammettew id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenuti (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> *"huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda.*

*Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

*"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Kontumaċja tal-konvenut Kevin Grima

Jibda´ sabiex jingħad illi, għal kull buon fini, dan it-Tribunal jinnota illi l-konvenut Kevin Grima ġie debitament notifikat fil-5 ta' Jannar 2023 (a fol. 10) iżda ppreżenta ir-risposta tiegħu fl-1 ta' Frar 2023 (a fol. 21), b´dan illi l-ewwel argument illi għandu jitqies hu jekk hux il-konvenut Kevin Grima setax jitqies kontumaċi *stante* illi ma ppreżentax ir-risposta tiegħu fi żmien tmintax-il ġurnata, hekk skond il-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 regolament 4.

Biss pero´, dan it-Tribunal jinnota wkoll illi l-elementi neċessarji sabiex jkun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill- Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopard***i deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990 il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: *"Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza*."

F´dan il-każ hu ċar mill-proċess illi ll-konvenut Kevin Grima attenda mill-ewwel seduta b´dan illi l-kontumaċja allura ma daħlitx fis-seħħ u anke s-soċjeta' attriċi qatt ma qajmet l-argument li tali konvenut seta' waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Il-ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti u l-validita' ta' tali ftehim

Tali ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti ġie ffirmat fl-1 ta' April 2013 b'dan illi pero' tali ftehim m'għandu ebda data ta' skadenza u ħadd mill-partijiet ma pprova jwaqqaf tali ftehim, b'dan illi allura tali ftehim kien għadu validu fl-2018 u fl-2019 meta tali soċjeta' attriċi kkonsenjat il-merċa lis-soċjeta' konvenuta.

Is-soċjeta´ hija persuna legali fiha nnifisha

Il-mistoqsija li tqum hi jekk hux is-soċjeta´ konvenuta jew il-konvenuti Kevin Grima u/jew Kristian Sylvest Jorgensen huma responsabbli għal tali ħlas peress illi t-tliet konvenuti kienu fit-tali talba. Is-soċjeta´ konvenuta hi persuna legali distinta miż-żewġ konvenuti l-oħra hawnhekk imsemmija, u liema kienu żewġ diretturi ta´ tali soċjeta´ konvenuta, u dan skond l-artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta´ Malta. Jidher mit-Terms and Conditions of Credit ippreżentati mis-soċjeta' attriċi (a fol. 3) illi tali soċjeta' konvenuta daħlet fi ftehim mas-soċjeta' attriċi b'dan illi tali soċjeta' konvenuta hi responsabbli lejn is-soċjeta' attriċi.

L-iffirmar tal-kuntratt minn Kevin Grima u Kristian Sylvest Jorgensen

Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi tali żewġ konvenuti jidhru illi kienu żewġ diretturi tas-soċjeta' konvenuta meta sar il-ftehim mas-soċjeta' attriċi u dan ukoll għaliex mit-Terms and Conditions of Credit ippreżentati mis-soċjeta' attriċi (a fol. 3) huma ffirmaw bħala tali diretturi.

Tali Terms and Conditions of Credit jipprovdu fi klawsola 10 it-tali segwenti:
"*The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all the obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the repayment of all overdue payments and interest due to the company under this agreement. In the absence of any other agreement, this personal liability will subsist even if the private company is liquidated, wound-up, amalgamated with another company or converted, and notwithstanding any change in the names of the Directors and/or shareholders after the signing of this agreement and/or in the running of the business*."

Inoltre', tali Terms and Conditions of Credit jipprovdu illi "*In conjunction with this application for credit, I verify that I have read and understood the above terms and conditions and agree to be bound by all the conditions above*."

B'dan illi għaldaqstant, jekk il-konvenuti Kevin Grima u Kristan Sylvest Jorgensen ma fehmux xi klawsola mill-ftehim, bħall-klawsola numru 10, setgħu faċilment ma ffirmawx il-ftehim. Ġjaladarba il-konvenuti ffirmaw il-ftehim konsapevolment u tali klawsola 10 tipprovdi illi tali diretturi huma responsabbli mas-soċjeta' konvenuta, anke jekk kemm-il darba huma jirreżenjaw minn diretturi, allura tali żewġ konvenuti huma responsabbli *in solidum* mas-soċjeta' konvenuta għall-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi.

Ukoll, Kevin Grima ffirma fuq tali ftehim bħala *guarantor* b'dan illi *se mai* Kevin Grima daħal għall-responsabblita' kbira u li ma tagħti ebda lok għall-interpretazzjoni differenti *stante* illi

tali ftehim jipprovdi illi "*The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtor with the Re-seller, in favour of the Company, which accepts, in respect of the Re-Seller's obligations under these Terms of Credit. All the parties to this Agreement agree that Farsons has the right, at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against either the Re-Seller or the Guarantor or against both the Re-Seller and the Guarantor at the same time.*"

B'dan illi tali klawsoli fit-tali ftehim ma jħallu ebda dubju f'moħħ it-Tribunal illi tali konvenuti huma responsabbli lejn is-soċjeta' attriċi daqs is-soċjeta' konvenuta.

<u>It-talba għall-ħlas magħmula mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti</u>

Dan it-Tribunal hu konvint illi s-soċjeta' attriċi ppruvat fuq grad ta' probabbilita' illi l-konvenuti huma kollha *in solidum* responsabbli għall-ammont indikat fl-istatement of account bin-numru 80-1-132001 u għaldaqstant għall-ammont ta' elf u sebgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1047.51), hekk kif anke jidher mill-argumentazzjoni u interpretazzjoni tal-ftehim ippreżentata mit-Tribunal iktar 'il fuq.

Il-konvenut Kevin Grima ittenta jargumenta illi għandu japplika artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Biss pero' dan it-Tribunal jifhem illi tali arugmentazzjoni ma tgħoddx *stante* illi *se mai* is-soċjeta' attriċi qed titlob għall-ħlas dovut tas-snin 2018 u 2019 b'dan illi għadhom mhumiex preskritti u fuq ftehim illi kien għadu validu bejn il-partijiet kollha fis-snin 2018 u 2019.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi għall-ammont ta´ elf u sebgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1047.51) b'konnessjoni ma' valur ta' merċa li ġew mixtrija u kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti skond statement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi bl-imgħaxijiet legali sa mid-data tal-preżentata tal-preżenti talba, u ta' l-ittra uffiċjali fl-istess ismijiet bin-numru 1279/2022 datata 31 ta' Mejju 2022.

L-ispejjeż ġudizzjarji in konnessjoni ma' din it-talba huma kollha a karigu tal-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur